REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 890/2009

tal-25 ta' Settembru 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 f'dak li jirrigwarda l-ftuħ u l-ġestjoni ta' ċerti kwoti tariffarji tal-Komunità fis-settur tal-laħam tat-tjur, u li jidderoga mir-Regolament imsemmi

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u partikolarment l-Artikolu 144(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 tad-29 ta' Marzu 1994 li jiftaħ u jipprovdi l-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/718/KE dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kwoti tariffarji tal-grupp numru 1 u tal-grupp numru 4 pprovduti bl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1385/2007 [4], li jġibu n-numri tas-serje 09.4410 u 09.4420 rispettivament u li huma koperti bil-kodiċijiet tan-NM 0207 14 10 (qatgħat iffriżati tat-tiġieġ) u 0207 27 10 (qatgħat iffriżati tad-dundjan), huma allokati speċifikament għall-Brażil.

(2) Il-ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Brażil, konkluż fil-kuntest tan-negozjati skont l-Artikolu XXIV(6) u l-Artikolu XXVIII tal-ftehim ġenerali dwar it-tariffi doganali u l-kummerċ (GATT) tal-1994 [5], approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/718/KE, jipprovdi kwota tariffarja annwali tal-importazzjoni għal-laħam tat-tjur ta' 2 500 tunnellata għal ċerti qatgħat iffriżati tat-tiġieġ (il-kodiċi tan-NM 0207 14 10), kif ukoll kwota tariffarja annwali tal-importazzjoni għal-laħam tad-dundjan ta' 2 500 tunnellata għal ċerti qatgħat iffriżati tad-dundjan (il-kodiċi tan-NM 0207 27 10), bir-rata ta' 0 %. Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2009.

(3) Jeħtieġ li dawn il-kwantitajiet jiżdiedu mal-kwoti għall-gruppi numru 1 u 4.

(4) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1385/2007 jkun emendat skont dan.

(5) Ġaladarba ż-żmien normali għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għar-raba' subperjodu tal-kwota għas-sena 2009 kien laħaq skada meta l-ftehim daħal fis-seħħ, jeħtieġ li jkun ipprovdut żmien supplimentari għat-tressiq tal-applikazzjonijiet għall-kwantitajiet miżjuda mal-kwoti attwali.

(6) Dan ir-Regolament għandu jibda japplika mid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ftehim mal-Brażil.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-organizazzjoni komuni tas-swieq agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1385/2007 għandu jinbidel bit-test li jidher fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

B'deroga mill-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1385/2007, għar-raba' subperjodu tas-sena 2009, għandu jinfetaħ żmien addizzjonali għat-tressiq tal-applikazzjonijiet mill-1 sal-5 ta' Ottubru għall-gruppi numru 1 u 4.

Għal kull wieħed minn dawn il-gruppi, wara l-ewwel perjodu għat-tressiq tal-applikazzjonijiet, għandha tiżdied kwantità ta' 625 tunnellata mal-kwantità disponibbli għar-raba' subperjodu tas-sena 2009.

L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom jinvolvu, għall-grupp numru 1, minimu ta' 10 tunnellati u massimu ta' 298,3 tunnellati, u għall-grupp numru 4, minimu ta' 10 tunnellati u massimu ta' 107,5 tunnellati.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jkun applikabbli mill-1 ta' Ottubru 2009.

Madankollu, l-Artikolu 1 għandu japplika mis-sena tal-kwota 2010.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 91, 8.4.1994, p. 1.
[3] Ara paġna 104 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[4] ĠU L 309, 27.11.2007, p. 47.
[5] Ara paġna 104 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

RATA TA' TNAQQIS TAD-DAZJU FFISSAT FIL-LIVELL TA' 100 %

Tiġieġ

(f'tunnellati)

Pajjiż	Numru tal-Grupp	Numru tas-serje	Kodiċi NM	Kwantitajiet annwali
Il-Brażil	1	09.4410	0207 14 10 0207 14 50 0207 14 70	11 932
It-Tajlandja	2	09.4411	0207 14 10 0207 14 50 0207 14 70	5 100
Oħrajn	3	09.4412	0207 14 10 0207 14 50 0207 14 70	3 300

Dundjan

(f'tunnellati)

Pajjiż	Numru tal-Grupp	Numru tas-serje	Kodiċi tan-NM	Kwantitajiet annwali
Il-Brażil	4	09.4420	0207 27 10 0207 27 20 0207 27 80	4 300
Oħrajn	5	09.4421	0207 27 10 0207 27 20 0207 27 80	700
Erga omnes	6	09.4422	0207 27 10 0207 27 20 0207 27 80	2 485"